MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 802/1998/1

**Ronald Axisa**

**vs**

**Maryanne Axisa**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti dahlu f'cerimonja matrimonjali fit-28 ta' Settembru, 1980.

Illi in effetti, z-zwieg *de quo* huwa null u bla effett, minhabba li l-kunsens fil-mument taz-zwieg kien vizzjat u prekundizzjonat u dan stante li l-kontendenti dahlu f'tali zwieg minhabba koerzjoni morali qawwija, peress li l-konvenuta kienet harget tqila u kellha *twins*.

Illi, inoltre, z-zwieg huwa null ukoll minhabba li l-kontendenti kienu ferm immaturi u ma kienux kapaci jifhmu l-obbligazzjonijiet matrimonjali, fil-fatt jigi rilevat f'dan is-sens li l-attur kellu biss tmintax-il sena u l-konvenuta sittax-il sena. Tant hadha bil-kbira li kellu jizzewweg qabel il-waqt, li waqa' f'*depression* u ghamel tmien xhur taht kura medika u tilef l-impjieg.

Illi inoltre, iz-zwieg *de quo* huwa null, stante li l-attur qatt ma kellu l-intenzjoni jaghti kunsens *ad esclusionem* u fil-fatt wara bdew relazzjonijiet ma' terzi.

Illi l-istess attur talab li l-konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg koncelebrat bejn il-kontendenti fit-28 ta' Settembru, 1980 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 6 tal-process;

Rat il-verbal tas-26 t'April 1999 u tas-6 ta' Mejju 1999.

Rat ir-rikors tal-attur tas-27 ta' Mejju 1999 fejn talab li n-notifika tal-konvenuta ssir wara l-hinijiet legali u d-digriet tal-Qorti tal-31 ta' Mejju 1999 fejn laqghet it-talba.

Rat li l-konvenuta gie debitament notifikata fl-10 ta' Gunju 1999 (a tergo fol 14).

Rat il-verbali tat-13 ta' Lulju 1999 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Veronica Galea Debono biex tigbor il-provi u tirrellata dwar il-kaz; tat-28 ta' Jannar 2000; tal-15 ta' Gunju 2000; tal-14 ta' Novembru 2000; tal-20 t'April 2001; tas-27 ta' Settembru 2001; tat-30 ta' Jannar 2002; tas-26 ta' Frar 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, inghata digriet ta' l-affidavit tal-attrici ta' 40

jum u ordnat lill-Perit Legali biex izzomm zewg seduti ghall-provi attrici u tat-8 ta' Mejju 2002.

Rat li l-konvenuta ghalkemm notifikata bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh baqghet ma prezentat l-ebda nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat in-nota tal-attur tal-15 ta' Mejju 2002 fejn permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu stess (fol 25 sa 30).

Rat il-verbal tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat il-verbali tal-31 t'Ottubru 2002 fejn dehret Dr Greta Mifsud Agius ghall-attur prezenti li nfurmat lill-Qorti li l-provi gew konkluzi; tas-6 ta' Frar 2003; tas-26 ta' Marzu 2003 u tat-22 ta' Mejju 2003 fejn il-Perit Legali Dr Veronica Galea Debono halfet ir-rapport. Dr Edward Zammit Lewis ghall-attur irrimetta ruhu ghar-rapport u talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-konvenuta giet imsejha tlett darbiet baqghet ma dehritx u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Mejju 2003.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr Veronica Galea Debono.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) IL-KAWZA ODJERNA

Illi l-attur xehed permezz ta' affidavit tieghu mmarkat u esebit bhala 'Dok. B'. Minbarra dan l-affidavit, l-attur ma ressaqx izjed provi da parti tieghu. Il-konvenuta hija kontumacji w ghalhekk ma resqet l-ebda provi taghha.

Illi fic-citazzjoni pprezentata minnu, l-attur qed jitlob li z-zwieg li gie celebrat bejnu u bejn il-konvenuta jigi dikjarat

null u bla effett, billi l-kunsens kien vizzjat u prekundizzjonat u dan stante li l-kontendenti dahlu fiz-zwieg minhabba koerzjoni morali qawwija; u peress illi l-kunsens kien vizzjat minhabba li l-kontendenti kienu ferm immaturi u ma kienux jifhmu l-obbligazzjonijiet matrimonjali; u peress illi l-attur qatt ma kellu l-intenzjoni jaghti kunsens *ad esclusionem*.

Illi ghalhekk l-attur qed jitlob illi z-zwieg celebrat bejn il-partijiet jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tal-**Artikoli 19 (1) (a), (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi l-**Artikoli 19 (1) (a), (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jiddisponu kif gej:-

***"19 (1)*** *'B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null –*

***(a)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'.*

***(d)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

***(f)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi L-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn it-tlett artikoli separatment, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19 (1) (a) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Frar 1988 fl-ismijiet '**Lorenza sive Laura Muscat xebba Borg vs Av. Dr. Paul Micallef u P.L. John Privitera noe'**, din il-Qorti qalet illi sabiex zwieg ikun

invalidat fuq din il-premessa, u cioe`, l-**artikolu 19(1) (a),** il-biza' jrid ikun ta' certu gravita`, pero`, jista' jkun assolut jew relattiv. Il-biza' tkun assoluta meta tant tkun gravi illi ggieghel bniedem normali jibza' tant illi jidhol fiz-zwieg kontra l-volonta' tieghu. Ezempji ta' dan hu meta jkun hemm theddid ta' qtil. Il-biza' tkun relattiva meta tkun tali li jekk impost fuq persuna timida jirrizulta f'biza' li huwa relattivament gravi u dan ghaliex kollox jiddependi fuq il-karattru tal-istess persuna.

Illi fil-kaz **'Tanya Curmi vs Charles Curmi'**, (Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza fit-18 ta' Marzu 1988), il-Qorti qalet illi '*in order to be considered as a vice of consent, regard must be had not only to the gravity of such fear, but also to the character and condition of the person subjected to the fear.*'

Illi pero`, kif isostnu l-awturi ***L. Wrenn***, u ***Brown R***. *'there must also be some objective gravity that is at least prudently feared.'* Ghalkemm wiehed irid iqis biza' b'mod soggettiv, ma jistax jigi minsi l-aspett oggettiv tal-gravita' tal-biza' li dejjem fl-ahhar ghandu jittiehed bhala test decisiv.

Illi sabiex wiehed jasal ghal definizzjoni ta' biza' xieraq li wiehed jirreferi ghal dak li gie imsemmi fid-decizjoni **'Mary Lourdes Spiteri vs Christian sive Cristino Spiteri'**, (P.A. (FD) moghtija fis-6 ta' Lulju 1993), fejn il-Qorti qalet hekk:- '*ghal dak li jirrigwarda l-biza' din tista' tigi definita fi trepidazzjoni jew eccitament kbir fil-mohh li jigi kawzat minn xi incident jew haga kemm ta' dak il-hin, u kemm minn haga li tista' tigri fil-futur. Dan it-tahwid fil-mohh irid ikun tali li jaffettwa l-mohh ta' min qieghed jaghti l-kunsens u li jaghtih biex jevita dak li qieghed jigrilu jew dak li jista' jigrilu.*'

Illi fil-kawza **'Josephine Drew xebba Cutajar vs Dr. Thomas Abela u P.L. Charles Vassallo noe.'** (P.A. FD) deciza fit-12 ta' Marzu 1992), il-Qorti ddefiniet biza' bhala '*dik l-offiza li titwettaq kontra l-liberta', hekk li, precizament minhabba din il-biza', 'quis cogatur ad contrahendum matrimonium.*'

Illi fis-sentenza **'Mary mart Gaetano Bilocca vs Gaetano Bilocca'**, (PA (FD), deciza fis-16 ta' Mejju 1990) il-Qorti qalet illi biza' hija '*the effect, which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouse.*'

Illi l-istess inghad fil-kawza **'Joseph D'Ugo vs Rita D'Ugo'** (PA (FD) deciza fit-28 ta' Gunju 1994), fejn il-Qorti qalet hekk:- '*Il-biza' tirrizulta minn tlett elementi. Fl-ewwel lok, trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jezercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li qed jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok, il-biza' trid tkun il-mottiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid.*'

Illi tenut dan kollu in konsiderazzjoni, l-Qorti hija tal-fehma (u hawn taqbel mal-Perit Legali) li mix-xhieda moghtija mill-attur fl-affidavit tieghu jidher car hafna li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg purament minhabba l-fatt li l-konvenuta kienet harget tqila meta kellha biss l-eta' ta' sittax-il sena, w minhabba pressjoni kemm da parti tal-genituri tal-attur, kif ukoll da parti tal-genituri tal-konvenuta, huma sabu ruhhom b'zwieg ippjanat mill-genituri taz-zewg nahat. Zgur li ma sabux ruhhom mizzewwgin ghaliex riedu hekk huma.

Illi jidher car ukoll illi l-attur qatt ma kellu xi hsieb li jizzewweg lill-konvenuta w lanqas kellu xi hajra biex jaghmel hekk. Madankollu pero`, wara li twieldu t-tewmien, omm l-attur bdiet tippersisti li l-attur jmur izur lill-konvenuta w jassumi r-responsabbiltajiet tieghu bhala missier tat-tfal. Ghalhekk, l-attur f'daqqa wahda sab ruhu anki jghix flimkien mal-konvenuta. Ma tantx ghadda z-zmien bejn meta twieldu t-tfal sakemm il-genituri taghhom haduha *'forgranted'* li l-partijiet kellhom jizzewwgu w sahansitra bdew jippjanaw ghat-tieg. U hekk donnu f'daqqa wahda, l-attur sab ruhhu mizzewweg minghajr ma kien jaf x'kien qieghed jigrilu. Fil-fatt, ghadda biss xahar u nofs minn mindu twieldu t-tewmien sakemm il-partijiet izzewwgu.

Illi skond l-attur, hadd qatt ma staqsa l-attur x'kien qieghed ihoss, u x'kienet l-opinjoni tieghu dwar dan iz-zwieg. Omm l-attur kienet konvincenti hafna milli jidher, u kienet tinsisti ghal xi raguni, illi l-attur jmur jghix mal-konvenuta wara li twieldu t-tfal. L-attur jaghmilha cara fl-affidavit tieghu, li jekk ma kienx ghal din l-insistenza w pressjoni da parti ta' ommu li jaghmel dan, hu zgur ma kellu l-ebda intenzjoni li jmur jghix mal-konvenuta, ahseb w ara li jizzewwigha.

Illi l-attur jispjega kif fil-fatt l-ideja li jghixu flimkien u mbaghad li jizzewwgu ma kenitx wahda tal-partijiet, izda ideja tal-genituri taghhom. Missier il-konvenuta, skond l-attur, ukoll hadha '*forgranted*' li l-partijiet kienu ser jizzewwgu wara li twieldu t-tfal. Il-partijiet la kienu ippartecipaw fil-preparamenti taz-zwieg u lanqas involvew ruhhom fihom.

Illi l-attur jiddeskrivi kif ghadu sal-gurnata ta' llum ma jistax jifhem kif accetta li jizzewweg u ma qabadx u mar kontra l-opinjoni ta' kulhadd u insista li ma riedx dan iz-zwieg.

Illi dan kollu pero` ma jistax iwassal lill-Qorti ghall-konkluzjoni li dan iz-zwieg jista' jigi dikjarat null u bla effett skond l-**artikolu 19 (1) (a),** u dan stante li alavolja din is-sitwazzjoni partikolari tal-partijiet turi b'mod car illi l-attur kellu pressjoni gejja min-naha tal-genituri tieghu, kif ukoll min-naha tal-genituri tal-konvenuta sabiex jizzewweg, ma jidhirx li hija dik il-pressjoni morali li tehtieg il-ligi taht dan l-artiklolu specifiku, kif ghadu kif gie spjegat 'l fuq. F'dan il-kaz il-Qorti qed taqbel perfettament ma dak li kkonkludiet il-Perit Legali f'paragrafu 23 tar-relazzjoni taghha.

Illi alavolja c-cirkostanzi ta' dan il-kaz jistghu ikollhom importanza kbira meta wiehed jezamina n-nullita` *o meno* taz-zwieg taht artikoli ohrajn tal-Ligi, din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti, ma jidhirx illi l-kunsens tal-attur inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza', fis-sens li jehtieg skond il-ligi taghna w l-gurisprudenza nostrana.

Illi ghalhekk din il-Qorti tiddikjara illi ghar-raguniiet li ghadhom kif gew kkunsidrati, z-zwieg bejn il-partijiet ma

jistax jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* ta' l-**Artikolu 19 (1) (a).**

Illi dwar **l-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** li fuqha hija bbazata wkoll l-azzjoni tal-attur, iz-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-kunsens ta' zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma dik il-persuna u bejniethom jikkrejaw shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin. Dan l-att jehtieg maturita` ta' hsieb u karattru tali li l-persuna li tidhol ghaz-zwieg taghraf il-'*commitment*' li jikkomporta z-zwieg, u cioe` '*commitment*' li tinvolvi partecipazzjoni attiva fil-hajja ta' familja. Ghalhekk mhux bizzejjed li tkun taf x'inhu z-zwieg, izda jrid ikun hemm ukoll il-maturita` li tippermetti persuna li tevalwa d-drittijiet w obbligi li ggib maghha hajja mizzewwga.

Illi mill-gurisprudenza kostanti tal-qrati taghna jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita` li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib s-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cioe` li tnejn min-nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubbju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.

*'Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus…..richiede una capacita' intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita' di mente e' di liberta' dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita.'* (***Forum 1990***. Vol. I, part 1, pg. 72).

Illi l-kuncett tad-'*discretio judicii'* ma jirrikjedix maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe` ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita` affettiva u cioe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi.

Illi l-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju fil-ligi civili ivarja xi ftit mill-kuncett kif espost fid-dritt kanoniku ghaliex mentri d-dritt kanoniku jirrikjedi xi forma ta' difett psikologiku serju, fid-dritt civili dan mhuwiex il-kaz.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri'** deciza fl-4 ta' Novembru 1994, il-Qorti studjat fil-fond il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. F'din is-sentenza l-Qorti dahlet fil-fond f'dak li jghid ***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu:

`*La discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva……La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. …..Per dare un valido*

*consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro.*' (***'Il-Diritto Canonico Matrimoniale'* – *Bersini*** - Torino 1994).

Illi dan l-impenn ghall-futur jittraduci ruhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja taz-zwieg, fosthom il-fedelta` u fiducja, l-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-*benessere* reciproku bejn il-mizzewgin, u cioe` dawk l-obbligazzjonijiet li minghajrhom unjoni intima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistax issehh.

Illi dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita` li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewwga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ma taghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cioe` dik l-unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u prokrejazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Illi ***G. Veness***, kif kwotat minn ***N. Picard*** f' **'L-immaturite' et le consentement matrimonial'** (pagni 54 – 55), jghid is-segwenti:- '*The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus' and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of*

*the gravity of this immaturity with reference to married life.'*

Illi tenut kont ta' dan kollu, u tal-provi migbura din il-Qorti ser tezamina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet ghandux jigi dikjarat null u bla effett a bazi ta' dan l-Artikolu.

Illi skond ix-xhieda moghtija mill-**attur** fl-affidavit tieghu, l-partijiet bdew johorgu flimkien meta l-konvenuta kellha xi hmistax-il sena, w l-attur kien xi tlieta jew erba' snin ikbar minnha. Huma damu johorgu flimkien ghal madwar sena w nofs u mbaghad hassru. Gara pero` li l-konvenuta baqghet tinsisti li jergghu lura flimkien, u baqghet tigri wara l-attur u tfittxu kull fejn imur. Fl-ahhar l-attur thassarha w alavolja ma kienx kuntent b'dan regghu lura flimkien ghal gimgha biss. F'dik il-gimgha li ghamlu flimkien pero`, l-koppja kellhom x'jaqsmu ma xulxin sesswalment.

Illi wara din il-gimgha flimkien, il-partijiet ghamlu tmien xhur u nofs ma jiffrekwentaw lil xulxin, alavolja l-konvenuta ghamlet xi tentattivi biex terga tipprova tikkuntattja l-attur. L-attur pero` baqa' jinsisti illi assolutament ma riedx ikollu relazzjoni maghha.

Illi gara li f'dik il-gimgha meta l-partijiet kienu regghu lura flimkien u kellhom x'jaqsmu flimkien, il-konvenuta harget tqila, u fid-19 ta' Awissu tal-1980 kellha tewmien. L-attur ma kienx konsapevoli tal-fatt li l-konvenuta kienet tqila fil-perjodu li ma kienux qed jiffrekwentaw lil xulxin, u donnu li dan il-fatt kien qed jigi negat anki minn omm il-konvenuta.

Illi madankollu, pero`, hekk kif twieldu t-tewmien, kif gie spjegat 'l fuq, beda jsir hafna pressjoni fuq l-attur biex imur izur lill-konvenuta fl-isptar u biex jassumi r-responsabbiltajiet tieghu bhala missier. L-attur hass ruhu konfuz hafna ghaliex kien konvint li dawn it-tfal ma kienux tieghu, w ma setghax jifhem ghaliex ommu kienet qed tinsisti li jmur izur lill-konvenuta w it-trabi.

Illi mhux talli hekk, imma wara ftit granet omm l-attur bdiet tippressah sabiex imur jghix mal-konvenuta, u fil-fatt meta

din harget mill-isptar, l-attur hekk spicca biex ghamel. Fi kliemu stess, l-attur xehed hekk kif gej:- '*Jiena jekk ma kienx ghal ommi zgur ma ridtx immur nghix maghha…..Wara beda jkun hemm pressjoni miz-zewg familji sabiex nizzewwgu. Jiena lanqas biss kont dispost li mmur nghix ma' Maryanne u lanqas biss kont dispost li nizzewwigha. Madankollu d-decizjoni ma kienitx wahda tieghi. Qisu kulhadd kien ha d-decizjoni li kellna nizzewwgu u donnu li s-sentimenti tieghi ma kellhomx importanza. Hadd ma staqsieni x'kienet l-opinjoni tieghi, jekk kontx lest. Kienet qisha haga li kellha ssir u daqshekk. Id-decizjoni li mmorru nghixu flimkien ma kinetx tieghi jew ta' Maryanne, izda tal-genituri taghna. Lanqas biss konna ddiskutejna dan il-fatt flimkien. Lanqas id-decizjoni li nizzewgu ma kienet taghna. Xahar wara li twieldu t-tewmien, missierha kien hadha 'forgranted' li issa ahna konna koppja u kellna nizzewgu.*'

Illi l-attur ikompli jixhed hekk:- '*Kemm jiena u lanqas Maryanne ma kkontestajna dan iz-zwieg. Ma kellniex alternattiva, alavolja jiena ma ridtx nizzewweg lil Maryanne ghaliex ma kontx inhobbha. Jiena ma xtaqtx inwegga' lill-genituri ta' Maryanne, lill-genituri tieghi u specjalment lit-tfal. Ghalhekk kif kienu c-cirkostanzi kelli naccetta kollox … Fil-fatt ghadni sal-lum ma nistax nifhem ghal liema raguni spiccajt biex accettajt dan iz-zwieg u ghalfejn ma mortx kontra l-opinjoni ta' kulhadd meta jiena verament ma ridtx nizzewweg … Li naf biss hu li jiena gejt imbuttat b'forza biex nizzewweg lil Maryanne ladarba kien hemm it-tfal fin-nofs u possibilment kienu tieghi, meta jiena lanqas biss kont lest jew xtaqt nizzewweg.*'

Illi l-attur xehed ukoll hekk:- '*Jiena nista' nghid illi meta spiccajt biex izzewwigt lil Maryanne, zgur ma kontx naf x'jigifieri zwieg. Lanqas kont naf x'ifissru obbligi taz-zwieg. Nispjega li anki Maryanne kienet ghadha immatura u lanqas hi ma setghet tifhem x'jigifieri zwieg. Fil-fatt anki minhabba l-eta' zghira taghha, ghaliex kellha sittax-il sena, l-patri li zzewwigna ma xtaqx, izda fuq insistenza ta' missierha li kien habib tieghu, kkonvincieh*.'

Illi gara fil-fatt illi l-attur qabditu *'depression'* minhabba s-sitwazzjoni li fiha sab ruhu w anki spicca biex tilef l-impjieg tieghu. L-attur jispjega li waqa' f'din id-*'depression'* minhabba li assolutament ma kienx ippreparat ghal din il-hajja w ghal kif kienu qed jizvolgu ruhhom l-affarijiet. Din id-*'depression'* damet xi disa' xhur u l-attur jispjega fi kliemu illi '*tul dan il-perjodu kien ghad ghandi d-dubji jekk kontx qed inrabbi tfal ta' haddiehor ghalkemm kont dispost li nerfa' r-responsabbilta' ta' missier fil-konfront taghhom. Apparti minn hekk kont qed inhossni ssoffokat ghax ma kontx lest u dispost li naccetta din it-tip ta' hajja. F'daqqa wahda mhux talli kont qed niehu hsieb lili nnifsi izda mara u sahansitra zewgt itfal. Fil-fatt fuq parir mediku kont nohrog kull meta kien ihossni mhux f'sikti u kont naqbad immur nimxi. Kont inhossni ghajjien hafna minhabba n-nuqqas ta' rqad u minhabba l-prezenza tat-tfal. Fl-ahhar imbaghad kelli nieqaf mix-xoghol fejn kont nahdem il-Libya minhabba l-istat li kont sibt ruhi fih.*'

Illi tenut kont ta' dan kollu, hawn ukoll il-Qorti taqbel mal-brava Perit Legali li l-partijiet bl-ebda mod ma kienu hejjew ruhhom sew ghaz-zwieg, u lanqas ma kienu fehemu s-sinifikat veru taz-zwieg, u tal-obbligi w dmirijiet tieghu.

Illi dwar dan il-Perit Legali irragunat b'dan il-mod:

"*Illi kollox gara f'hakka t'ghajn. F'daqqa wahda l-konvenuta kellha t-trabi u f'kwistjoni ta' ftit granet l-attur sab ruhu qed jghix maghha, mbaghad xahar u nofs wara sab ruhu mizzewweg maghha. Sitwazzjoni bhal din tkun difficli hafna ghal kwalsiasi persuna matura w ta' certa eta`, ahseb u ara, zewg persuni li kienu ghadhom ta' eta` zghira, specjalment il-konvenuta li kien ghad ghandha sittax-il sena.*

*Illi minn-naha tieghu, l-attur qatt ma xtaq jibqa' fir-relazzjoni mal-konvenuta, w wara li ghamlu xi perjodu johorgu flimkien, kienu hassru w l-attur ma riedx jaf izjed bil-konvenuta. Mbaghad lahqu ghaddew tmien xhur u nofs, u l-attur ma kellu l-ebda kuntatt mal-konvenuta, w*

*lanqas ma ried ikollu.  Izda f'daqqa wahda spicca mizzewweg maghha.*

*Illi l-attur jghid car u tond li ma kienx ihobb lill-konvenuta qabel ma zzewwigha, u qatt ma kellu intenzjoni li jkompli fir-relazzjoni maghha.  Kienu biss ic-cirkostanzi li gieghluh jizzewweg, u cioe` l-fatt li f'daqqa wahda twieldu t-tfal, u kulhadd hadha 'forgranted' li l-attur kien ser jidhol ghar-rwol ta' missier.*

*Illi l-esponenti thoss illi kien impossibbli biex f'dawn ic-cirkostanzi tant straordinrji w partikolari, w anki mghaglin, il-partijiet setghu qatt hejjew ruhhom sew ghaz-zwieg, jew setghu possibilment jifhmu u jivvalutaw dawk id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewwga.   Zgur li kien impossibbli ghall-attur u anki ghall-kovenuta li taht dawk ic-cirkostanzi jifhmu s-sinifikat taz-zwieg, u r-responsabbiltajiet li ggib maghha din ir-rabta.*

*Illi lanqas setghu jaghtu l-kunsens ghal dan iz-zwieg b'dik il-maturita` ta' hsieb u karattru mehtiega, ghaliex huma ma hadu l-ebda decizjoni rigward dan iz-zwieg.  Id-decizjonijiet kollha ttiehdu mill-genituri tal-partijiet.  Kemm l-eta` taghhom kif ukoll iz-zmien li kellhom biex jahsbu fuq iz-zwieg ma tantx kien jippermettilhom jevalwaw u janalizzaw dak il-pass li kienu ser jiehdu.  Tant hu hekk, illi malli l-attur sab ruhu mizzewweg, ma setax jaccetta s-sitwazzjoni tieghu w spicca b'depression.*

*Illi zgur li l-partijiet kienu nieqsa mhux biss minn dik il-maturita` intellettwali, izda anki dik il-maturita` ta' volonta`, u cioe`, dik il-kapacita` li jiehdu decizjoni b'certa responsabbilta`.  Sabiex persuna tkun tista' tidhol ghaz-zwieg u taghti l-kunsens validu taghha, jrid ikollha dik il-fakkolta kritika, w trid tezisti dik l-ghazla libera interna. Dan zgur li ma kienx il-kaz ghat-tnejn li huma, u specjalment ghall-attur."*

Illi ghalhekk il-Qorti filwaqt li hija taghmel taghha r-ragunament tal-brava Perit Legali fuq indikat tikkonkludi li mill-provi migbura w ghar-ragunijiet fuq imsemmija hija tal-fehma li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta'

diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, w ghalhekk iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett *ai termini* tal-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi dwar **l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** dan jikkunsidra kemm is-simulazzjoni totali (`*colorem habens, substantiam vero nullam'*) kif ukoll dak parzjali (`*colorem habens, substantiam vero alteram'*) tal-kunsens.

Illi kif gie spjegat minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **`Alfred Tonna vs Maria Tonna**', 31 ta' Jannar 1996, u fil-kaz **`Muscat vs Borg Grech'**, 14 ta' Awissu 1995, *'ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda internament u b'att posittiv tal-volonta` taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att posittiv tal-volonta`, tkun qed teskludi xi element jew proprjeta` essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali)'.*

Illi kif gie insenjat fid-decizjonijiet fl-ismijiet **'Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et**', Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Ottubru 1884, Vol. X p. 912 *'a poter dedursi la invalidita' dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la verita', ma una simulazione, cioe` 'fictio seu ostensio falsi pro vero.*'

Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jaghti kunsens validu ghaz-zwieg, pero` bl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewwga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga, cioe`, issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, u cioe` saret simulazzjoni parzjali.

Illi taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax xi wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament.

Illi ghar-rigward tas-simulazzjoni totali, Il-Qorti fil-kaz **'Bonnici vs Bonnici'** (P.A. 30 ta’ Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali irid jigi ppruvat li l-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg. Il-Qorti f'decizzjoni ohra Taghha **“Cali vs Dr. Albert S. Grech”** (P.A. 22 ta’ Gunju 1988) qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u internament tissostitwixxi l-idejat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Mbaghad fil-kaz “**Galea vs Walsh”** (P.A. 30 ta Marzu 1995), il-Qorti spjegat is-simulazzjoni bhala *'meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata*.' Fil-kaz **'Muscat vs Borg Grech”** (P.A. 14 t’Awwissu 1995) il-Qorti spjegat is-simulazzjoni totali hekk:- *'Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda ikun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu.*'

Illi mill-banda l-ohra, meta nigu ghas-simulazzjoni parzjali, u cioe` ghall-eskluzzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **“Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et noe”** (14 ta’ Lulju 1994) elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala l-kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokrejazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawzi **'Grech vs Grech'** (P.A. 9 t’Ottubru 1990), u **'Aquilina vs Aquilina'** (P.A. 30 ta’ Jannar 1991).

Illi l-kommunjoni tal-hajja konjugali u cioe`, il-`*Consortium Vitae'* tikkomprendi zewg elementi u cioe` l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **'Magri vs Magri'** (P.A. – N.A, deciza fl-14 ta' Lulju 1994), '*Jekk din il-'Consortium Vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-Consortium Vitae tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja*.'

Illi l-kuncett ta' l-indissolubbilta` taz-zwieg jikkomprendi u jimplika li l-kunsens irid ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta` u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresupponi *iuris tantum* dan l-element ta' indissolubbilta` fiz-zwieg.

Illi fil-fatt ***J. Edwards Hudson*** (op. cit p164-165), jispejga carament li '*indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contracts with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power.*'

Illi aktar minn hekk, ***D.J. Burns***, fil-kummentarju tieghu (D.J. **Burns, Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions. A Historical Synopsis and Commentary** p.151) jghid li '*it is not necessary that this intention (i.e. li teskludi l-indissolubilta`) was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract.*'

Illi l-attur fic-citazzjoni minnu pprezentata qed isostni li l-kunsens tieghu stess kien vizzjat ghaliex eskluda wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, u cioe` d-dritt ghall-fedelta`.

Illi fl-affidavit tieghu, l-attur jispjega illi xi ftit snin wara z-zwieg huwa beda relazzjoni ma' mara ohra, liema relazzjoni kienet damet ghaddejja xi sentejn, sakemm fl-ahhar iddecieda li jitlaq lill-martu. L-attur kien johrog ma din il-mara w sahansitra kien isiefer maghha wkoll.

Illi huwa jispjega li waqt li kellu din ir-relazzjoni ma' terza persuna kien konxju tal-fatt li kien qieghed jonqos mid-doveri tieghu bhala ragel mizzewweg. Huwa jispjega li dam biex jiehu d-decizjoni biex jitlaq lill-martu ghaliex kien ihobb lit-tfal tieghu w kien isibha difficli li jitlaqhom. Apparti hekk kien rega' spicca taht kura medika f'dak il-perjodu minhabba li ma setax jissaporti s-sitwazzjoni li kien jinsab fiha, u ma setax ikompli '*b'dan iz-zwieg li kien gennata mill-bidu nett*', fi kliemu stess.

Illi minn dak fuq indikat jirrizulta li minn kif graw l-affarijiet f'dan il-kaz, u mis-sentimenti li kellu l-attur versu l-konvenuta u versu z-zwieg innifsu, li huwa kien eskluda certi elementi essenzjali taz-zwieg, u cioe` dawk tal-kommunjoni tal-hajja konjugali, tal-indissolubilta` tar-rabta taz-zwieg, u dik tad-dritt ghall-fedelta`. L-attur ma kienx f'pozizzjoni li jifhem dak li jissejjah il-*'Consortium Vitae',* u cioe`, l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja, fil-mument meta ta l-kunsens tieghu ghaz-zwieg, u l-Qorti thoss illi dawn l-elementi essenzjali kienu eskluzi minn mohh l-attur meta ta l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg.

Illi ghalhekk wara li hadet dan kollu in konsiderazzjoni, din il-Qorti tiddeciedi illi gie wkoll ppruvat li l-kunsens tal-attur inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, u cioe`, l-element essenzjali ta' indissolubbilita` tar-rabta taz-zwieg u d-dritt ghall-fedelta`, u ghalhekk iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett *ai termini* tal-**Artikolu 19 (1) (f).**

Illi fid-dawl ta' dan kollu jirrizulta li t-talba ta' l-attur ghandha tigi milqugha, u z-zwieg li gie celebrat bejn il-kontendenti fit-28 ta' Settembru 1980, ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara li z-zwieg koncelebrat bejn il-kontendenti fit-28 ta' Settembru, 1980 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**